

## Suġġett

Talba għal miżuri provviżorji intiża sabiex il-Kummissjoni tīġi ordnata tħallas lir-rikorrent somom ta' flus sabiex isostni l-inizjattivi tiegħu intiżi li jippromwovu d-dritt għall-ugwaljanza u għan-nondiskriminazzjoni tal-persuni b'diżabbiltà fil-ħajja professjonali.

## Dispożittiv

- 1) Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni fuq it-talba għal miżuri provviżorji.
- 2) Ir-rikorrent għandu jbatisi l-ispejjeż tiegħu.

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (It-Tieni Awla) tad-19 ta' Novembru 2009 — Agencja Wydawnicza Technopol vs UASI (1000)**

**(Kawża T-298/06)**

“Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali 1000 — Raġuni assoluta għal rifjut — Karatru deskriddi — Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 [li sar l-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009]”

*Trade mark Komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Trade marks li jikkonsistu eskluziżiav f'sinjalji jew indikazzjonijiet li jistgħu jintużaw sabiex jindikaw il-karakteristiċi ta' prodott (Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, Artikolu 7(1)(c)) (ara l-punti 24-31)*

## Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tas-7 ta' Awwissu 2006 (Każ R 447/2006-4), dwar l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark verbali 1000 bħala trade mark Komunitarja.

### Informazzjoni dwar il-kawża

Applikant għat-trade mark Komunitarja:	Agencja Wydawnicza Technopol sp. z o.o.
Trade mark Komunitarja kkonċernata:	Trade mark verbali 1000 għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 16, 28 u 41 — Applikazzjoni Nru 4372264
Deċiżjoni tal-eżaminatur:	Reġistrazzjoni rrifjutata
Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:	Appell miċħud

### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Agencja Wydawnicza Technopol sp. z o.o. hija kkundannata għall-ispejjeż.

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (It-Tieni Awla) tad-19 ta' Novembru 2009 — Agencja Wydawnicza Technopol vs UASI (350, 250 u 150)**

**(Kawżi magħquda T-64/07 sa T-66/07)**

"Trade mark Komunitarja — Applikazzjonijiet għat-trade marks Komunitarji verbali 350, 250 u 150 — Raġuni assoluta għal rifjut — Karattru deskrittiv — Artikolu 7(1)(c)